# ILSIEN MALTI U RELIĠJON NISRANIJA

Fl-aħħar għadd ta' dan il-qari għidna li l-*Għakda ta' Kari tajjeb* għandha fil-kitba tal-Malti rieda tajba, imma mħixkla minn xi fehmiet li ma nafu x liema huma. Għidna wkoll li l-gazetta *Leħen is-Sewwa* ma għandhiex ir-rieda tajba li għandha l-*Għakda* iżda għandha fehmiet għaliha, li aħna anqas ma nafu liema huma. Ridna kieku nitkixxfu biex nagħarfu liema huma dawn il-fehmiet, imma aktar minn xi tarf ċkejken ma stajniex naqbdu. Għalhekk kull ma għidna mhux ħlief il-ħsieb tagħna, li l-qarrej jista' jgħarbel u jwettaq aħjar milli aħna stajna ndommu u nibnu.

Tarf ieħor ċkejken ġie f'idejna xi jumejn ilu. Qal xi ħadd: Il-kitba tal-Malti, it-tagħlim letterarju tal-Malti, il-ħaddiema kollha tal-Malti qegħdin jifirduna miċ-ċiviltà u mir-reliġjon kattolika tal-Ewropa biex jorbtuna max-xagħri tal-Afrika Mawmettana. Malta hija kbira għax marbuta maċ-ċiviltà nisranija tal-Ewropa, u għalhekk, jekk irridu ngħożżu dan il-kobor, jaħtieġ li l-lsien Malti jinża' kull influwenza Għarbija (jiġifieri, nżidu aħna, jinqered) u jilbes bl-influwenza ta' kultura Ewropea.

Dan il-kliem mhux ġdid għalina. Nafuh aħna u jafu kull ħadd. Jafuh saħansitra t-torki tal-istampaturi ta' gazetti politiċi. Imma aħna qatt ma tajna widen, għax qatt ma ridna nidħlu u qatt ma dħalna fi ġlied ta' politka. U jekk sa nagħtu widen illum, mhux għax biddilna fehmitna, iżda għax noqogħdu fuq il-kelma li tawna, li dak il-kliem mhux ħiereġ did-darba minn għajn politka.

Il-Malti, maħdum bid-dawl tad-dehen (xi ħadd sejjaħlu *arabismu*) jorbotna mal-Afrika Mawmettana u jħoll jew jerħi r-rabta ta' Malta mal-Ewropa u maċ-ċiviltà tagħha nisranija. Niżnu dal-kliem. Il-lsien Malti hu marbut mal-lsien Għarbi, u l-Għarbi jitkellmuh, il-biċċa l-kbira, l-Mawmettani tal-Afrika. Iżda r-Reliġjon nisranija ma hi marbuta mal-ebda lsien, mal-ebda ġens, mal-ebda art. Ir-Reliġjon ta' Kristu tilqa' u tħaddan lil kullħadd, għax Kristu lill-Appostli qallhom: "Morru, għallmu l-ġnus kollha"; u biex il-ġnus kollha jistgħu jisimgħu u jifhmu tagħlimhom, Kristu lill-Appostli tâhom id-dôn tal-ilsna, id-dôn li jistgħu jitkellmu bl-ilsna kollha, u ma ried jorbot ir-Reliġjon tiegħu mal-ebda lsien. In-nisrani ta' lsien Għarbi, Osmanli jew Tork, Ċiniż u Ġappuniż hu marbut mar-Reliġjon ta' Kristu daqs in-nisrani tal-lsien ta' Ruma, għax it-twemmin hu l-ħolqa li torbot il-bniedem ma' Kristu, u aktar ma hu qawwi t-twemmin, aktar ma hi qawwija l-imħabba li

titnissel mit-twemmin, aktar hi qawwija r-rabta tan-nisrani ma' Kristu, kien liema kien il-lsien li bih jitkellem. Ħażin għalih min irid jirtabat mar-Reliġjon bir-rabta rqiqa ta' dan jew dak il-lsien! Għalhekk ħa jgħidulu Għarbi l-lsien Malti, ħa jgħidu kemm iridu li l-Għarbi hu l-lsien tal-Mawmettani, il-lsien tax-xagħri tal-Afrika, b'daqshekk ħadd ma hu sa jbeżżagħna li m'aħniex insara, li m'aħniex marbutin mar-Reliġjon ta' Kristu, daqs min jitkellem bl-isbaħ u bl-aqwa lsien tal-Ewropa.

Il-lsien Malti jew *arabismu* jifridna mill-Ewropa nisranija! Iżda Malta, bl-*arabismu* jew *feniċismu* tagħha, saret nisranija qabel l-Ewropa. Id-dawl tar-Reliġjon nisranija idda fuq Malta meta l-Ewropa, barra minn xi għaqdiet żgħar ta' nsara, kienet għadha mgħottija bid-dlam tal-paganesimu. U kien wieħed lhudi, bin il-lhud, ġej mill-Palestina u jitkellem bi lsien li kien qarib ilsien il-Maltin ta' dari u tal-lum l-ewwel li samma' l-isem ta' Alla-Wieħed fostna. Mhux mill-Ewropa feġġ fuq Malta d-dawl tal-fidi; lejn l-Ewropa, jew aħjar, lejn Ruma dorna, marbutin kif konna mad-dawl tal-fidi, meta x-Xemx tas-sewwa, il-Kristu fl-art, il-Papa waqqaf għamartu fil-belt ta' Ruma. Għalhekk ir-rabta tagħna ma' Ruma mhix ħaġa ġdida, iżda hi l-istess rabta li bit-twemmin fi Kristu rabatna Pawlu ma' Ras il-Knisja, u li baqgħet u tibqa' dejjem xorta waħda, jmur fejn jmur u jkun fejn jkun, fl-Ewropa jew barra mill-Ewropa, f'Ruma jew barra minn Ruma, ir-Ras tal-Knisja, il-Papa.

Iżda, għandu mnejn jaqbeż igħid xi ħadd, jekk il-lsien Malti ma jifridniex mir-Reliġjon nisranija, jifridna miċ-ċiviltà tal-Ewropa, u ċ-ċiviltà tal-Ewropa 'hi kollha kemm hi nisranija. Qajl, qajl li ma nitfixklux u naqgħu. L-ewwelnett nistqarru li ċ-ċiviltà mkien ma mxiet 'il quddiem daqs kemm imxiet fl-Ewropa. Imkien il-għerf, it-tagħlim, is-snajja ma kibru daqs kemm kibru fl-Ewropa. Jekk mill-artijiet tal-Lvant tnisslu xi friegħi tal-għerf, fl-artijiet tal-Punent tħawlu biex kibru u saru siġar tal-frott. Iżda xi tfisser il-firda minn din iċ-ċiviltà? Tfisser iċ-ċaħda tal-jedd li nistgħallu l-ġid taċ-ċiviltà? Le, għax il-għerf hu bħax-xemx li tiddi u ssaħħan, u li kullħadd għandu l-jedd jiddawwal u jissaħħan minnha. It-tagħrif tal-ilsna jgħin ħafna t-tixrid taċ-ċiviltà, iżda waħdu mhux biżżejjed, bħalma mhux biżżejjed in-nuqqas tiegħu biex iwaqqaf u jżomm il-mixi taċ-ċiviltà. It-tixrid taċ-ċiviltà minn art għal oħra huwa marbut ma' qatta ċirkostanzi li fihom mhux dejjem u mhux bil-fors jidħol lsien il-pajjiż u tagħrif l-ilsna barranin. Nistaqsu l-Istorja u din turina artijiet sħaħ li għalkemm maqtugħin mill-ilsna tal-Ewropa, tbiddlu, bis-saħħa ta' ħakma għaqlija, minn xagħri fi ġnejniet ta' ward ta' ċiviltà. U l-ebda Gvern tal-Ewropa,biex idaħħal iċ-ċiviltà tiegħu fl-artijiet tal-Afrika mirbuħa, ma ħolom qatt li jmiss l-ilsien tal-

pajjiż. Jinfetħu u jiddawwlu toroq, jinbnew djar kbar u sbieħ, jinfetħu u jiżdiedu l-iskejjel, jirtabtu u jingħaqdu bliet bil-vapur tal-art, jinħadem il-ġid tal-pajjiż; iżda l-lsien le ma jintess. Iċ-ċiviltà tbiddel wiċċ il-pajjiż, iżda ma tbiddelx il-lsien. Għalhekk, għalkemm nitkellmu bi lsien tal-Afrika, u għalkemm irridu naħdmu l-ilsien Malti u norqmuh u nsaffuh minn kull inġiesa barranija, min għandu l-ħila jċċħdilna l-ġieħ taċ-ċiviltà ta' pajjiżi oħra tal-Ewropa?

Iżda, mbagħad, hija tassew nisranija ċ-ċiviltà tal-Ewropa? Nisranija kienet, imma ma għadhiex. Kienet nisranija ċ-ċiviltà tal-Ewropa meta l-għerf, is-snajja tal-ġmiel, it-tibdil kollu fil-ħajja kien jimxi 'l quddiem fid-dawl tax-Xemx tar-Reliġjon, meta l-ħaqq, is-sewwa u s-sliem kienu jorbtu b'rabta ta' ħbeb-erija poplu ma' ieħor, meta Kristu kien magħruf sultan tas-slaten. Illum mhux hekk. Illum il-għerf, is-snajja, t-tibdil fil-ħajja dar mid-dawl tar-Reliġjon u qabad it-triq mudlama tal-materjalismu. Il-lum flok il-ħaqq hemm id-dnewwa, flok is-sewwa hemm il-qerq, flok is-sliem hemm il-ġlied, flok ir-rabta hemm il-firda, flok il-qima lejn Kristu hemm il-qima lejn il-qawwa u l-kobor tan-Nazzjon. Din hi ċ-ċiviltà li minnha xi uħud jibżgħu li sa jinfirdu minħabba l-lsien Malti. Ċiviltà mhemmx u ma jistax ikun hemm fejn il-jedd ta' Kristu mhux magħruf, u għalhekk il-firda minn dik il-mewġa ta' materjalismu, li trid tisraq l-isem ta' ċiviltà, ma fiha l-ebda ħasra. Marbutin irridu nibqgħu mal-Knisja u mal-Papa bit-twemmin fi Kristu, u mifrudin mit-tlellix ta' kull ċiviltà li ma timxix wara Kristu.

Le; il-lsien Malti, msoffi u mirqum, ma jifridniex u la mir-reliġjon u l-anqas miċ-ċiviltà nisranija. Le; il-lsien Malti aktar jorbotna mar-reliġjon, għax iħarisna mid-deni ta' min ċaħad id-Dìn nisrani, u mill-bruda, mit-tinwir, mit-taħsir ta' min hu nisrani tal-isem biss. Il-lsien Malti jżommna Maltin u ma jħal-lix li ruħna titmewwet bis-semm ta' tagħlim, ta' fehmiet, ta' drawwiet ta' ġnus oħra tal-Ewropa. Jekk jaqtgħuna mill-kobor tal-Ewropa, insiru nixbħu lil dawk l-insara tal-Afrika u tal-Asja li, għalkemm daħlu fil-Knisja fl-aħħar siegħa u baqgħu neqsin minn kull ċiviltà, madankollu f'jum il-ħaqq iqumu u jikkundannaw in-nazzjonijiet tal-Ewropa li b'għerfhom kollu ma żammux il-għerf tas-Sewwa.

Kelma oħra. Lilna, lill-ħadiema tal-Malti qalulna "nies ta' nofs kedda." Iċċiviltà nisranija, li biha niftaħru aħna, ma tħalliniex ngħajjru u anqas inroddu t-tagħjira. Għalhekk nisktu u naħfru. Biss ingħidu li dal-kumpliment barra minn loku jżid isaħħaħ il-fehma tagħna li min qiegħed jagħwi kontra l-Malti fl-isem ta' Ċiviltà nisranija ma għandux fini reliġjuż.

S.